**MALTA**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI**

***(Rapport Uffiċjali u Rivedut)***

**L-GĦAXAR PARLAMENT**

**Laqgħa Nru. 22**

**It-Tnejn, 7 ta' Frar, 2005**

**Stampat fl-Uffiċċju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**Malta**

**Prezz Lm1**

**L-GĦAXAR PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI**

**Laqgħa Nru. 22**

**It-Tnejn, 7 ta' Frar, 2005**

**Il-Kumitat iltaqa' fil-Palazz, il-Belt Valletta, fis-6.45 p.m.**

**Talba**

## MINUTI

*Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 21 li saret nhar it-Tnejn, 31 ta' Jannar 2005, ġew konfermati.*

## IL-BIOTEKNOLOĠIJA F'MALTA U D-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM (KONTINWAZZJONI)

*Il-Kumitat irriżuma mill-31 ta' Jannar, 2004 id-diskussjoni fuq dan is-suġġett*

**THE CHAIRMAN**: Illum se nerġgħu nkomplu bid-diskussjoni dwar il-bioteknoloġija f'Malta u drittijiet tal-bniedem fejn se jkollna preżentazzjonijiet minn Prof. Peter Serracino Inglott u minn Dr Pierre Mallia. Għalhekk insejjaħ mill-ewwel lil Prof. Serracino Inglott biex, jekk jogħġbu, jibda bil-preżentazzjoni tiegħu dwar dan is-suġġett.

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT**: Sur President, jiena ma rridx nidħol fil-partijiet tekniċi bioloġiċi u mediċi għax dak m'huwiex il-kompitu tiegħi. Jiena aċċettajt li nagħmel din il-preżentazzjoni għax jiena professur tal-filosofija u l-etika hija parti bażika mil-filosofija. Pero` rrid ukoll ngħid li jiena m'iniex speċjalista fil-bioetika, imma jiena speċjalista fil-filosofija tad-dritt u jiena mhux biss eżaminatur tal-filosofija tad-dritt fl-universita' imma kont professur tal-filosofija tad-dritt f'Sorbonne fl-universita' ta' Pariġi u għallimtha f'ħafna universitajiet barranin, bħal Kanada u l-Amerika, u mhux biss mill-punt ta' filosofija imma anke mill-*punto di vista* teoloġiku. Per eżempju, fl-aħħar laqgħa tal-konferenza ta' l-isqfijiet li saret Compostella stednuni biex nagħtihom *talk* fuq dan is-suġġett. Anke fis-sinodu lokali ġejt mistoqsi biex nabbozza l-parti tad-dikjarazzjoni tas-sinodu li tittratta dan is-suġġett u s-suġġett huwa proprju r-relazzjoni bejn morali u liġi, jiġifieri l-leġislazzjoni f'relazzjoni ma' l-etika. Dan huwa estremament relevanti għall-*issue* li għandkom intom għar-responsabbilita` tagħkom u għalhekk xtaqt ngħid ftit prinċipji fuq dan l-argument u mbagħad nuri xi applikazzjonijiet kif jidhirli jiena għas-suġġett tal-prokreazzjoni assistita.

L-ewwel prinċipju huwa dak li semma fl-aħħar laqgħa l-Prof. Emmanuel Agius meta qam biex jiċċara dak li kien qed jitkellem fuqu Dr Frank Portelli, u ċioe` li l-istess dikjarazzjoni li ħarġet minn Ruma fuq dan is-suġett, id-*Donum Vitae,* fiha l-ewwel erba` sezzjonijiet li jitkellmu fuq is-sustanza tal-ħaġa, imma imbagħad għandek il-ħames sezzjoni li tagħmel enfasi kbira fuq il-fatt li dak li huma qegħdin jiddikjaraw li m'huwiex morali, li għal kattoliku huwa dnub, m'għandux ikun neċessarjament illeġislat kontra. Dan huwa prinċipju magħruf ħafna, tradizzjonali minn dejjem, li mhux kull dnub għandu jkun delitt. F'pajjiżna stess sa ftit żmien ilu l-adulterju u l-omosesswalita` kienu delitti u projbiti bil-liġi, imma ġustamnet u bil-kunsens sħiħ tal-knisja dawn ġew imneħħija minn delitti. Pero` bl-ebda mod ma ġew imneħħija minn dnubiet. F'dik il-perspettiva il-knisja u anke l-filosfi jistgħu jgħidu li l-adulterju u l-omosesswalita` huma atti immorali, pero' jaqblu kompletament li dawn m'għandhomx ikunu delitti u kkastigati bil-liġi.

Naħseb li huwa importanti li f'dan il-qasam wieħed ma jkunx iktar kattoliku mill-Papa għax anke teologi bħal San Tumas jagħmluha ċarissima li kieku kull dnub isir delitt u jiġi projbit bil-liġi, ir-riżultat ikun tirannija. U t-tagħlim kostanti tal-knisja huwa li l-gvern mhux talli m'għandux ikun tiraniku imma talli għandu jilleġisla mill-inqas. Il-valur suprem huwa l-liberta` u għandu jkun hemm leġislazzjoni li tikkonstrinġi l-liberta` daqskemm huwa neċessarju biex tissalvagwardja l-liberta`. Naħseb li dan huwa importanti li żżommuh f'moħħkom meta tirrikmandaw x'għandu jkun illeġislat. Jiġifieri l-ewwel prinċipju huwa li mhux kull ħaġa immorali għandha tiġi projbita bil-liġi. U naħseb li hemm diversi affarijiet f'dan il-kamp li l-knisja tqishom immorali, pero` hija stess ma tixtieqx li jkun hemm leġislazzjoni

kontrihom. Dan joħroġ ċar mill-ħames sezzjoni tad-*Donum Vitae*.

Kif diġa` semmejt it-tieni prinċipju huwa li wieħed għandu jilleġisla ftit kemm jista' ikun. Jiġifieri meta anke jkun tajjeb li xi att immorali jew xi dnub jiġi magħmul delitt, sakemm huwa possibbli għall-istat li jgħid li bil-prattika ta' dawn l-atti immorali m'hijiex se tisfaxxa s-soċjeta', sakemm dawn l-atti immorali se jkunu magħmulin biss b'mod rari li ma jfissru ta' ebda theddida ta' sfaxx tas-soċjeta` u jekk m'hemmx involut fihom l-protezzjoni ta' oħrajn - għax anke jekk iċ-ċans ta' assassinji, ta' qtil huwa rari l-qtil ta' innoċenti xorta għandu jiġi projbit biex nipproteġi lill-innoċenti milli jiġu maqtulin…. Imma ħlief għal dawn iż-żewġ raġunijiet, jew għax hemm theddida ta' sfaxx ta' soċjeta' jew għax hemm theddida ta' drittijiet umani fundamentali, m'għandux ikun hemm leġislazzjoni. Naħseb li dan huwa t-tieni prinċipju ċar.

F'dan il-każ tagħna, fl-opinjoni tiegħi, huwa ċar li hemm lok għal leġislazzjoni għax għandna anomalija li ġibdet l-attenzjoni ħafna drabi li fl-isptar tal-gvern m'huwiex permess li jsir l-aħħar pass f'din il-proċedura li normalment jgħidulha IVF. Pero` din il-proċedura qiegħda ssir fl-isptarijiet privati u f'postijiet oħrajn. Jiġifieri din toħloq inġustizzja għax tfisser li l-istat qed jipprojbixxi li jiġi provdut proċediment b'xejn u qed jippermetti li dan il-proċediment jiġi provdut bil-flus. Din mhux biss hija anomalija imma hija inġustizzja u allura naħseb li tiġġustifika kompletament li jkun hemm leġislazzjoni, imma leġislazzjoni li ssewwi din l-inġustizzja. Forsi hemm ukoll bżonn, għalkemm m'iniex tant konvint minnha, ta leġislazzjoni biex tipproteġi *embryos*. Jiġifieri jista' ikun li hemm kreaturi ħajjin li huma mhedda minn ċerta prassi li qiegħda ssir. Pero' mill-ġdid ngħid li l-leġislazzjoni m'għandhiex tkun iktar milli meħtieġ biex jekk qed isir xi abbuz ta' dan it-tip jiġi mwaqqaf. U din għandha ssir biss jekk jiġi konstatat li dan l-abbuż qed isir jew li jista` faċilment isir għax altrimenti inqas ma jkun hemm leġislazzjoni iktar aħjar. San Tumas huwa espliċitu ħafna fuq dan il-punt.

**ONOR. JASON AZZOPARDI**: *Optima est lex quae minimum relinquit arbitrio judicis….*

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT**: Imma dik ħaġa oħra. Dik qiegħda biex il-liġi tkun preċiża u ma tħallix tant lok għad-diskrezzjoni ta' l-imħallef. Pero' inqas ma jkun hemm liġijiet iktar tajjeb għall-istat għax ifisser li iktar hemm liberta` f'dak l-istat, u l-valur li għandha tfittex il-leġislazjzoni huwa l-liberta' mhux it-tirannija. It-totalitarjaniżmu huwa l-iktar ħaġa oġġezzjonabbli kemm mill-*punto di vista* filosofiku u kemm mill-*punto di vista* teoloġiku. Allura inqas ma jkun hemm liġijiet iżjed aħjar. Dan apparti mir-raġunijiet oħra li jagħti San Tumas bħal, ngħidu aħna, li jekk ikun hemm ħafna liġijiet jibda jsir diffiċli li tissopponi li huma magħrufin minn kulħadd u allura jibda jsir iktar diffiċli li jiġu segwiti. Dak huwa dejjem ta' valur u fil-fatt huwa ħafna aħjar jekk issir liġi li tippermetti lil min għandu kompetenza teknika li japplikaha milli l-liġi nnifisha tiddetermina d-dettalji ta' l-implimentazzjoni. Jiġifieri kif kont qed ngħid, fl-opinjoni tiegħi, hija meħtieġa l-liġi għaż-żewġ raġunijiet. Pero' dak li tgħid din il-liġi għandha tgħidu bl-aqwa preċiżjoni biex ma naqgħux f'dak id-difett li kien qed jalludi għalih Dr Azzopardi, li titħalla ħafna diskrezzjoni lill-imħallfin, u għandha tkun ġenerali kemm jista' ikun. Li wieħed jidħol f'affarijiet tekniċi huwa perikoluż anke għax f'dan il-qasam l-iżvilupp teknoloġiku huwa rapidu.

Barra minnhekk prinċipju ieħor fuq il-leġislazzjoni huwa li l-liġijiet għandhom kemm jista' ikun jinbidlu ftit. Allura f'liġi ma tridx tagħmel ħaġa li l-probbabilita` tagħha hija li f'qasir żmien se jkollok tibdilha. Fil-formulazzjoni tal-liġi aħjar tħalli l-ispazju biex dan ikun jista` isir f'livell li jitlob inqas żmien u jorbot inqas milli torbot il-liġi. Jiġifieri din aħjar tkun fil-qasam ta' regolamenti. Eżempju ovvju f'dan is-suġġett

li għandna taħt għajnejna huwa l-preskrizzjoni ta' kemm *embryos* jistgħu jiġu permessi li jsiru. Il-liġi Ġermaniża u dik Taljana jgħidulek tlieta jistgħu jiġu permessi. Issa f'artiklu li deher fil-*Corriere Della Sera* tlett ijiem ilu l-president ta' San Raffaele, li huwa qassis, oġġezzjona bil-qawwa għal din il-preskrizzjoni ta' tlieta għax jgħid li f'qasir żmien faċli li ma jkunx meħtieġ tlieta. Pero` sadanitant teknikament iqisu li huwa iktar tajjeb li jagħmlu erbgħa u allura huwa assolutamnet kontra li l-liġi tippreskrivi dan. Fil-fatt l-Italja tippreskrivih u hu jgħid li dan jiġġustifika lill-kattoliċi li jivvotaw iva fir-*referendum* biex jabbrogaw din il-parti tal-liġi. Din hija applikazjzoni ta' dan il-prinċipju li l-leġislazzjoni m'għandhiex tidħol f'dettall tekniku li jrendiha suxxettibbli għal bżonn ta' tibdil f'qasir żmien.

F'din id-diskussjoni fuq dan is-suġġett ta' prokreazzjoni assistita smajt argumenti anke fuq affarijiet bħalma huma l-i*stem cell research* eċċ. u ntqal li għalkemm dan mhux qed isir hawn Malta jista' ikun hemm okkażjonijiet fejn jista` isir. Jiena nista`, per eżempju, nimmaġina li wħud minn dawn il-kwantita` ta' *embryos* mhux neċessarji li qegħdin jipproduċu barra – għalija hija żgur waħda mill-affarijiet li għandha tiġi evitata - jistgħu jinġiebu hanwhekk u jsiru esperimenti fuqhom biex jaraw jużawx *stem cells* għal skopijiet terapewtiċi bla dubju ta' xejn fejjieda. Jiena ma nara ebda oġġezzjoni morali kontra li dan isir u ma nara ebda raġun għaliex għandu jkun projbit. Allura iktar ġenerikament narah diffiċli biex wieħed jiġġustifika li hemm bżonn issir leġislazjzoni projbittiva fuq dan is-suġġett f'Malta fil-preżent għax la hemm theddida li dan se jġib sfaxx tas-soċjeta' u lanqas hemm theddiha kontra d-dritt għall-ħajja ta' l-*embryo*.

Il-prinċipju l-ieħor, li naħseb li huwa importanti ħafna, huwa dwar x'għandu jsir meta tkun fid-dubju. Fil-klassijiet elementari tat-teoloġija morali l-eżempju li kienu jagħtuna kien dejjem li jekk inti kaċċatur u hemm xi ħaġa tiċċaqlaq wara l-għollieq u jkollok suspett li dik m'hijiex għasfur imma bniedem tisparax. Jiġiferi huwa prinċipju ta' prudenza. Dan huwa l-prinċipju li għandek tuża fl-imġiba morali tiegħek. F'ċertu sens dan huwa applikazzjoni tad-differenza bejn x'inhu immorali u x'għandu jkun illegali fuq id-differenza bejn il-qasam tad-dnub u l-qasam tad-delitt. Pero` l-istat għandu jimxi bil-manjiera kontra ta' l-individwu f'dan il-każ. Il-moralita` tesiġi mill-individwu li hemmhekk ma jisparax, pero' l-liġi m'għandhiex tipprojbixxi, m'għandhiex timponi l-prudenza fuq l-individwu għax il-liġi għandha tħalli l-massimu tal-liberta`. Jiġifieri jekk dan jispara u joqtol lil xi ħadd allura għandu jiġi kkastigat, pero` li jkun ħa r-riskju li tiġri xi ħaġa ħażina, fl-opinjoni tiegħi, l-istat m'għandux jipprojbiha sakemm din ma tkunx qed thedded l-bonordni tas-soċjeta`. Għaliex? Għax x'għandu jiffavorixxi l-istat m'hijiex il-prudenza, bħalma hu meħtieġ li tiffavorih fil-kondotta tiegħek perosnali, imma għandha tkun l-liberta`. Dak huwa l-valur li l-istat mill-essenza tiegħu jeżisti biex jipproteġi.

Madanakollu wieħed irid jgħid li hemm ċerti obbligi morali bħal , per eżempju, li ma toqtolx lill-innoċenti, li huma assoluti. Jekk għandek każ ta' dan it-tip m'għandekx toqgħod tikkalkula x'inhuma l-konsegwenzi li tagħmel "hekk" jew li tagħmel ħaġa oħra. Jekk huwa każ ta' qtil ta' l-innoċenti lanqas għandek tidddelibera fuqu. Dak huwa ħażin u għandu jkun projbit bil-liġi għax kif għedt huwa vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tal-bniedem. Pero` m'hemmx obbligu daqstant assolut fuq il-preżervazzjoni tal-ħajja. Per eżempju, jien kelli bżonn operazzjoni tal-*bypass*. Nista' ngħidilkom li ssorprendejt ħafna nies meta għedtilhom li kieku kont naf x'kienet se tinvolvi ma kontx nagħmilha l-operazzjoni. Kont nippreferi nesponi lili nnifsi għar-riskju li mmut milli ngħmel dik l-operazzjoni. Issa' f'dan il-każ naħseb ftit huma dawk li se jieħdu din il-pożizzjoni. Wara kollox l-operazzjoni għamiltha, imma hawn ħafna każi fejn biex tibqa' tgħix ikunu meħtieġa mezzi straordinarji. Qatt m'inti

obbligat li dawk il-mezzi straordinarji teħodhom. Tista` wkoll - u dan huwa prinċipju ieħor - tieħu miżuri li se jnaqqsu ċ-ċansijiet li l-ħajja tkun preservata. Pero` li tippreserva l-ħajja, għalkemm huwa obligu gravi m'huwiex prinċipju assolut. F'dan il-każ, li tagħmel ħaġa jew ma tagħmilhiex, trid tiżen il-konsegwenzi. Fil-każ ta' prinċipju bħal toqtolx lil xi ħadd li huwa innoċenti m'għandekx tagħti kas il-konsegwenzi għax dak huwa prinċipju assolut. Imma f'każ bħal dan, li tippreserva l-ħajja u mhux li tneħħija, l-obbligu m'huwiex assolut. Huwa biss relattiv allura faċilment jista` jikkonfliġġi ma` valur ieħor, ngħidu aħna l-valur tal-ġustizzja. Allura f'dan il-każ jista` ikun li inti tgħid li biex ikolli l-ġustizzja lest biex nissagrifika l-preservazzjoni tal-ħajja. L-applikazzjoni ta' dan hija ċara fil-każ ta' dawk it-tewmin sijamiżi. Dan il-prinċipju li qed ngħid jien li l-preservazzjoni tal-ħajja m'hijiex obbligu assolut, bħalma hi dik li ma toqtolx, hija relevanti f'dan il-każ għax waħda mill-affarijiet li ssemmew u li l-iktar dehret kontrovesjali kienet dik tal-*freezing* ta' l-*embryos*.

Meta tiffriża l-*embryo* m'intix qed toqtlu, qed tpoġġih f'kondizzjoni fejn fuq tul ta' żmien jista` jiddeġenera. Jiġifieri l-ħajja hija perikolata, pero' m'hemmx obbligu assolut li tippreserva l-ħajja. Jiena naf b'każ ta’ ħbieb tiegħi fejn saret il-prokreazzjoni assistita u din għandha tifel. Dawn kienu ffertilizżaw erba' *embryos* u fil-fatt użaw tnejn biss minnhom. Issa t-tnejn l-oħra qegħdin iffriżati u din il-persuna diġa` hija lesta biex minn hawn u ftit żmien ieħor titlob li jimplantjawhom biex ikollha tfal oħrajn. Jiġifieri li tiffriża l-*embryos* fiha nnifisha ma nistax nara fuq liema prinċipju tista' tgħid li hija xi ħaġa li għandha tiġi projbita bil-liġi. Nista` nifhem lil min jgħid li m'għandekx tnissilhom meta taf li l-ikbar ċans huwa li dawn se jmutu. Nista' nifhem lil min jagħti dan il-ġudizzju prudenzjali, bl-anoloġija li ma tisparax lejn l-għollieq jekk m’intix ċert li dak li hemm wara l-għollieq m'huwiex għasfur inkella bniedem. Pero` kif kont qed ngħid waqt li nista' nara li l-prudenza hija virtu` fil-każ ta' l-imġiba ta' l-indivdiwu, assolutament ma nqisx li l-istat għandu jippratikaha a skapitu ta' valuri oħrajn bħal ġustizzja, liberta' eċċ. Il-funzjoni ta' l-istat hija li jassigura l-massimu tal-liberta` u mhux l-eżerċizzju tal-prudenzjalita` li hija karatteristika tar-raġuni prattika tal-persuna bħala individwu. Waqt li nifhem lil min jgħid li din m'hijiex prassi li għandha ssir minn individwu, assolutamnet ma nifhimx lil min jgħid li l-istat għandu jipprojbiha

Sur President, għandi żewġ punti oħra li xtaqt ngħid xi ħaġa fuqhom. Waħda minnhom hija l-kwestjoni jekk wieħed għandux jippermetti li jsir din il-prokrezzjoni assistita fil-każ tal-miżżewġin biss jew inkella, kif dehret opinjoni iktar komuni, anke għal dawk li għandhom relazzjoni stabbli għalkemm m'humiex miżżewġin. Kien hemn min qal li m’għandux ikun hemm restrizzjoni u għandha tiġi mogħtija kull fejn hemm rikjesta raġjonevoli. Din ġiet kontestata. Għalkemm bħala prinċipju beda jinżamm pero' kien hemm min qal li għandu jkun hemm restrizzjonijiet. Per eżempju, Dr Buttiġieġ semma l-każ ta' tfajla ta' 16-il sena li marret għandu għax xtaqet li jkollha tarbija minn raġel miżżewweġ u huwa rrifjuta u tqanqlu wkoll każijiet ta' żewġ lesbjani. Jiena m'għandix dubju li dawn l-aħħar żewġ każi m'għandhomx jiġu konsidrati. Pero' għal liema raġuni? Naħseb li l-unika raġuni li tiġġustifika li hawnhekk għandu jkun hawn leġislazjoni kontrarja hija d-drittijiet ta' dik il-persuna li se tinħoloq bil-prokreazjoni assistita. Nista` nara li dan jintuża bħala argument kontra li ssir il-prokreazzjzoni assistita fejn m'hemmx żwieġ għax jekk koppja, raġel u mara, qegħdin jirrifjutaw iż-żwieġ dawn jistgħu jitqiesu bħala li m'humiex qegħdin jagħtu garanzija li se jieħdu ħsieb l-kura meħtieġa ta' dawk il-persuni li se jinħolqu. Naturalment wieħed jista' jgħid li s-sitwazzjoni hija differenti f'pajjiż bħal Malta fejn m'hawnx id-divorzju. Għaliex? Għax, per eżempju, jista` ikollok xi ħadd li kien miżżewweġ, wara sena ż-żwieġ sfaxxa,

imbagħad stabbilixxa relazzjoni stabbli ma' persuna oħra u damet numru ta' snin tidher stabbli u jidher li dan kien suċċess għall-kuntrarju taż-żwieġ ta’ qabel pero` skond il-liġi ta' Malta dan ma jistax jerġa` jiżżewweġ. Jiena ngħid li dan huwa argument biex wieħed idaħħal id-divorzju. M'huwiex argument biex wieħed jippermetti li koppja mhux miżżewġa jista' ikollha dritt għall-prokreazjoni assistita. Naħseb li jista` ikun każ qawwi biex wieħed jevita din il-ħaġa jista` jdaħħal id-divorzju. Fil-fatt jiena nqis li l-introduzzjoni tad-divorzju, għalkemm hija ħaġa li jiena ma nixtiqhiex, hija ħaġa immorali, żgur mhux neċessarjament li għandha tkun delitt projbit bil-liġi. Dik tiddependi minn xi tkun il-qagħda soċjali tal-pajjiż. Pero` naħseb li għall-konċett taż-żwieġ, li huwa l-konċett kattoliku mibni fil-liġi tagħna attwali, huwa inqas dannuż li tintroduċi d-divorzju milli tintroduċi dan il-prinċipju li wieħed għandu dritt għall-prokreazzjoni assistita anke jekk mhux miżżewweġ. Nimmaġina li dan li qed ngħid jista' ikun kontroversjali u jkun hawn min ma jaqbilx miegħu, pero' jiena nħossni fid-dmir li ngħidu. Din hija l-opinjoni maħsuba tiegħi. Jiġifieri mhux qed ngħidu bl-addoċċ. Qed ngħidu wara li rriflettejt u studjajt x'kitbu fuqu filosofi mill-iktar awtorevoli li jittrattaw dan is-suġġett.

Irrid inżid ngħid li hawn differenza bejn li ma tippermettix prokreazzjoni assistita fil-każ ta' koppji mhux miżżewġin, dak li jien assolutament favur tiegħu u jidher li se jiġi msaħħaħ iktar fil-liġi tagħna skond konferenza stampa li taw il-Ministru Tonio Borg ma' l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici, jiġifieri li jabolixxu kompletament kull differenza bejn tfal leġittimi u tfal illeġisttimi. Naħseb li dan huwa ġust għar-raġuni li t-tfal innifishom nemmen m'għandu jkun hemm ebda diskriminazzjoni kontrihom għax huma illeġittimi għax huma m'għandhom ebda responsabilita' għal dik il-ħaġa. Imma dan il-każ huwa differenti. F'dan il-każ ma teżistix persuna bħalma huma t-tfal meqjusa s'issa illeġitimi, imma x'qed tiddiskuti huwa tinħoloqx dik il-persuna, għandekx tgħin biex tiġi ġenerata persuna li se tkun f'dik il-qagħda. Jiena naħseb li m'għandekx tilleġisla biex tgħin li tiġi maħluqa persuna li mbagħad se ssib ruħha f’diffikulta`. Għax irridu nammettu li fi kwalunkwe każ jekk inti ġejt iġġenerat, per eżempju, bi prokreazzjoni assistita mhux minn missierek imma minn persuna oħra, din se toħloq problema. Dan kien ukoll każ li ġie ventilat hawnhekk meta saret il-mistoqsija dwar x'isir bl-embrijoni mhux impjantati. Jiena kont qed ngħid li m'hemm xejn ħażin li dawn l-embrijoni mhux impjantati jinżammu bil-prospett li jintużaw idealment mill-persuna li hija l-ġenitur. Lanqas jekk jispiċċaw biex jiddeġeneraw ma nara tant projbizzjoni għaliha. Ma narax li għandu jkun hemm projbizzjoni assoluta kontra l-*freezing*, għax jista` jiġri dak. Pero’ ntqal ukoll li dawn jistgħu jintużaw biex jiġu fertiliżati nisa li m'humiex miżżewġin lill-persuna li minnha ġiet l-i*sperm*. Għalija dik toħloq problema għax dak ifisser li se jkun hawn persuna li ma tafx min hu missierha. Waqt li dawn il-każijiet jiġru u meta jiġru trid taċċetta li hu hekk, u żgur li m'għandekx iġġiegħelhom jsofru żvantaġġi għal din ir-raġuni. Jiġifieri din hija l-ġustifikazzjoni li għandha titneħħa kull differenza bejn tfal leġittimi u tfal illeġittimi, imma m'għandekx iġġibha volontarjament u bi ppjanar. Immaġina kieku jiena ma nafx min hu missieri. Jibda jkun inspjegabbli għan-nies ta' madwari għaliex jiena għandi xagħri aħmar, għaliex għandi ċerti *traits* fil-karattru. Jiena naħseb li t-trasmissjoni ġenetika hija qawwija ħafna li dik it-tip ta' persuna li se tikber hekk se tibqa' dejjem inċerta dwar l-identita` tagħha, u forsi wieħed mill-ikbar drittijiet umani li jeżistu huwa li inti jkollok identita` tiegħek. Allura nkun retiċenti ħafna li jsiru dawn il-prattiċi. Madanakollu nerġa' ngħid li m'għandniex niddeċiedu dawn l-affarijiet skond il-prinċipju tal-moralita` biss. Xi jrid jagħmel il-gvern huwa li jikkonsidra jekk .... Hawnhekk se jagħmel xi ħaġa pożittiva għax se jġib li fl-isptarijiet tiegħu jingħataw ċerti servizzi. Allura jiena ngħid li dawn is-servizzi għandhom jingħataw b'dawn il-

limitazzjonijiet tal-moralita`. Pero` l-istat għandu jipprojbixxi li jsiru dawn il-prattiċi li jiena nqishom immorali. Għax inqisha immorali li tiġġenera persuna li se tibqa' inċerta għal għomorha dwar l-idenita' tagħha, imma jista` ikun li jinstabu mezzi kif din tissuperaha. Din diġa` ġiet superata fl-addozzjoni ta' tfal. Waqt li qabel ma kenux jgħidu lil min qed jiġi adottat min huma missieru u ommu veri, u dan kien joħloq ħafna problemi, illum qegħdin insegwu *policy* differenti u jispjegawlhom eżattament kif inhi s-sitwazzjoni tagħhom u f'ċerti każi anke jipprovaw ilaqqgħuhom mal-ġenituri veri tagħhom u jispjegawlhom kif ġraw ċirkostanzi li ġabu din il-ħaġa. Jiġifieri ma neskludix li anke din il-problema jistgħu jinstabu soluzzjonijiet għaliha. Allura dan ikun ifisser li waqt li l-gvern m'għandux jinkoraġġiha fis-sitwazzjoni attwali, pero' għandu jaħsibha sewwa qabel ma jipprojbiha. Jaħsibha sewwa bil-kriterji ta' x'għandu jilleġisla u mhux bil-kriterji ta' x'inhu morali. Jiġifieri għandu jgħid: Jiena ġustifikat li nirrestrinġi l-liberta` b'dan il-mod? Huwa meħtieġ? F'dan il-każ żgur mhux biex ma tisfaxxax is-soċjeta` għax m'hemmx theddida li tisfaxxa s-soċjeta'. Hemm ċerta theddida li ddgħajjef iż-żwieġ imma mhux li se jġib sfaxx tas-soċjeta'. Pero` hemm bis-serjeta` x'jiġi kkonsidrat jekk hemmx dritt fundamentali uman ta' persuna li jkollha l-possibilita' li taċċerta x'inhi l-identita` tagħha biex tkun tista' tistabbiliha fil-ħajja, jekk hemmx periklu serju li jiġġustifika leġislazzjoni kontra.

L-aħħar rimarka kumplimentari għal dak li xtaqt nagħmel huwa fuq il-manjiera biex toħloq dak li huwa l-iskop pożittiv, li huwa r-rispett tal-ħajja, għal din il-leġislazzjoni. Fid-dokument tal-knisja *Donum Vitae* kif għedtilkom fih l-ewwel erba' sezzjoniet li jgħidu li l-użu ta' *in vitro fertilisation* anke bejn mara u raġel huwa immorali. Fl-opinjoni ta' min ħareġ dan, li qed jitkellem f'isem il-maġisterju ordinarju tal-knisja, huwa hekk. Pero' dawn l-istess nies kienu daqshekk negattivi fuq din il-ħaġa għar-raġunijiet li m'humiex verament kompetenza tagħhom għax ir-raġunijiet li jagħtu huma raġunijiet tekniċi. Jiġifieri jitfgħu dubju għandux ikun hemm *in vitro fertilisation* għax jgħidu li r-riżultati kienu skarsament ta' suċċess, hemm ħafna *rejections* ta' l-*embryos* u iktar tfal difettużi mill-*average*. Pero' dan huwa qasam proprju teknoloġiku. Jiġifieri min qed jitkellem hawnhekk fuq il-moralita' qed jitkellem fuq ċerti *assumptions* li huma ta' natura xjentifika u teknoloġika fejn min m'huwiex kompetenti faċilment jiżbalja. Għalhekk jiena ridt inkun kawt u ma nipprovax nippreskrivi kemm *embryos* tista' toħloq u kemm huwa l-ammont minimu li għandu jiġi impjantat għax dawn iktar jistgħu jiddeċiduhom in-nies b'kompetenza xjentifika milli nies b'kompetenza etika jew leġislattiva, biex ngħid hekk.

Allura r-rispett tal-ħajja huwa wieħed li jrid jipprobaga. Anke fid-dokument *Donum Vitae* lil-leġislaturi qed jgħidulhom li huma ma jistennewx li se jilleġislaw dawk l-affarijiet kollha li aħna qegħdin ngħidu li huma immorali. Imma li tridu tissalvagwardjaw bil-liġi huwa r-rispett tal-ħajja, ħaġa assoluta hija li huma kontra l-qtil ta' l-innoċenti, u ż-żwieġ bħala l-bażi tas-soċjeta'. Għax naturalment jekk tħassar dak li huwa ż-żwieġ tkun qiegħed allura veru ġġib sfaxxament tas-soċjeta'. Allura jgħidu li dawn iridu jiġu salvagwardati.

Issa waqt li l-liġi bla dubju ta' xejn għandha sehem importanti f'din is-salvagwardja anke għaliex il-liġi għandha funzjoni edukattiva u mhux biss produttiva - ħafna liġijiet isiru biex jippreżentaw ideal u mhux tant biex jiġu kkastigati min jonqos kontrihom - pero' iktar mil-liġi biex wieħed isseddaq, biex wieħed isaħħaħ dawn il-valuri huwa importanti l-ħolqien ta' kultura li tiffavorixxi l-ħajja li fiha hemm ir-rispett tal-ħajja. Jien naħseb li huwa biss bil-ħolqien ta' din il-kultura li tevita x-xempju ta' dawn l-eluf ta' *embryos* li kif jgħidu xi wħud minnhom jiġu flaxjati fit-*toilet*. Issa x'wieħed irid jagħmel huwa li bl-edukazzjoni jxerred il-kultura tar-rispett tal-

ħajja li ħaġa bħal din għandha tqajjem tant *redress* fil-kuxjenza umana, dik il-manjiera ta' kif tittratta *embryos* umani li istintivament ma ssirx. B'mod partikolari wieħed irid iqanqal din il-kultura fost it-tobba li jipprattikaw dawn l-affarijiet. Issa t-tobba li taw xiehda hawnhekk kollha stqarrew li huma għandhom dan ir-rispett tal-ħajja. Jiġifieri ma rridx ngħid li m'għandhomx u li hemm bżonn li titqanqal din il-kultura fosthom. Pero' ċertament hemm bżonn li tissaħħaħ ħafna fost il-poplu kollu.

Naħseb li llum tant hawn forzi bl-abort u affarijiet bħal dawn li qegħdin jaġixxu kontra dan ir-rispett tad-dinjita` tal-ħajja li għandu jkun id-dmir anke tal-gvern li jissalvagwardja r-rispett tad-drittijiet umani, tad-drittijiet ta' l-*embryo* u ta' kull persuna ħajja ħalli li tkun rispettata f'limiti ġusti u biex il-bażi tas-soċjeta', li fil-każ tagħna l-familja mibnija fuq iż-żwieġ, tkun rispettata. B'hekk naħseb li hemm dmir pożittiv tal-gvern. Iżda naħseb li dan l-iskop ma jintlaħaqx tant b'leġislazzjoni. Jintlaħaq iktar billi wieħed juża l-mezzi kollha ta' l-edukazzjoni li m'mhumiex biss fl-iskejjel - hemm il-*media* u l-affarijiet oħra - biex inissel f'kulħadd kemm jista' jkun dan ir-rispett tal-ħajja li jġib *redress* istintiv, ma tibdix tikkalkola meta hemm minaċċi fuq dawn il-valuri, li nerġa` huma r-rispett tal-ħajja u essenzjalment iż-żwieġ bħala l-fundament tal-familja ċ-ċellola tas-soċjeta'.

**THE CHAIRMAN:** Nirringrazzjak tal-preżentazzjoni tiegħek. Hawn xi domandi?

**ONOR. JOSEPH CASSAR:** Għalkemm jien naqbel ħafna mal-konċett li f'ċivilta` utopika u reali għandek tilleġisla mill-inqas għaliex inti qed tassumi li l-bniedem għandu konċett konjittiv stabbli li jista` jieħu deċiżjonijiet tajba, waħda mill-affarijiet li m'iniex ċert fuqha hija din. Aħna tkellimna fuq *embryo freezing* u tkellimna fuq il-fatt li vera *embryo freezing* mhux qtil. Dan huwa konċett li naċċettatah. Pero' waħda mill-affarijiet li jien naħseb fuqha, forsi għaliex jien psikjatra, huwa l-ħsieb tal-bniedem. Mela meta xi ħadd qed jieħu deċiżjoni li jkollu tarbija, jekk hijiex fuq livell naturali jew jekk hijiex fuq livell artifiċjali, qed jieħu deċiżjoni li jħoss li jista' jkollu tarbija. Hux vera? U dik hija deċiżjoni li jieħdu tnejn min-nies, *assumendo* li dawk it-tnejn min-nies għandhom il-kompetenza konjittiva li jistgħu jieħdu deċiżjoni. U allura wieħed jifhem għalfejn jieħdu dik id-deċiżjoni.

Jiena nemmen li meta inti għamilt *embryo* dak l-*embryo* huwa individwu. Issa li jien niddeċiedi jew ma niddeċidix – u fuq din li nixtieqek tagħmel kjarifika - liema *embryo* għandu jiġi ffriżat jew le u liema *embryo* għandu jiġi ppjantat jew le fiha nffisha qed nagħti d-deċiżjoni lil persuna li hemm ġo l-*embryo* jew lil persuna li hemm barra mill-*embryo*? U allura lil persuna li hemm ġo l-*embryo* li hija ffriżata jien xi dritt għandi li neħodilha l-individwalita` tagħha u ngħidilha inti ffriża ruħek, u inti idħol fil-ġuf ta' l-omm? Fhimtu l-kunċett?

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Id-domanda jekk hux il-persuna li hemm l-*embryo* jew il-persuna li hemm barra mill-*embryo* hija retorika għaliex ma tistax tagħtiha li min huwa fl-*embryo*. Dan huwa eżempju ta' problema ġenerali ħafna li jien kelli naffrontaha b'mod partikolari meta kont qed nagħmel l-karta tad-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri għall-UNESCO li kienet proposta li ġiet mill-gvern ta' Malta. Id-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri naturalment huma prinċipalment tnejn. Waħda li għandha x'taqsam ma' l-inġenerija ġenetika għaliex huwa d-dritt tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet futuri u l-oħra fuq id-drittijiet ambjentali għaliex dawn jikkorrispondu ma' żewġ drittijiet fundamentali tal-bniedem li huma dritt tal-ħajja u d-dritt tal-proprjeta`. Allura l-ikbar mistoqsija li tqanqlet kontra din kienet: Imma m'intix qed tkun prużuntus meta inti tiddeċiedi għall-ġenerazzjonijiet futuri xi jridu jagħmlu? U r-risposta tiegħi hija doppja. Waħda hi li x'isegwi minn dan huwa li għandi l-ewwel prinċipju fil-karta

tad-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri, li l-ġenerazzjonijiet preżenti għandhom iħallu l-ikbar spazju ta` liberta` possibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri. Jiġifieri l-affarijiet li hu possibbli ma tiddeċidihomx tħallihom mhux deċiżi biex jiddeċiduhom il-ġenerazzjonijiet futuri. Sintendi dan jgħodd l-istess għall-*embryos* u jaqbel mal-prinċipju li kont qiegħed nenunzja qabel li fejn tista' ma tiddeċidix għalihom, ma tiddeċidix.

Pero', nerġa` nirritorna għad-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri. Kważi kull deċiżjoni li qegħdin nieħdu qiegħda tiddeċiedi xi ħaġa li hija deċiżjoni li se taffettwa l-ġenerazzjonijiet futuri. Allura hemmhekk trid tara kif ikun l-aħjar mod kif tipproċedi. Jien issuġġerejt, u wara ġie inkorporat fil-karta tad-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri, li dawn għandu jkollhom dritt għal rappreżentanza kif anke fil-liġi tagħna attwali tifel mhux imwieled għandu dritt, meta jkun hemm kwestjonijiet tat-tqassim tal-proprjeta`, li l-qorti tappunta avukat li jkun il-kuratur tad-drittijiet tiegħu u li jista' jitkellem fil-qorti biex jiddefendi d-drittijiet ta' din il-persuna li għadha m'hijiex imwielda.

**ONOR. JOSEPH CASSAR**: Imma ma nistax nimmaġina kuratur għal kull *frozen embryo* lanqas.

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** F'dan il-każ m'hemmx bżonn li l-qorti tappuntalu kuratur. Kulma hu implikat f'dan il-każ huwa li m'għandekx tħalli dik id-deċiżjoni lanqas f'idejn il-ġenituri biss, għaliex il-ġenituri jistgħu jiddeċiedu għall-interessi tagħhom kontra l-interess ta' l-*embryo.* Imma naħseb f'dan il-każ min għandu jkun inkarigat minn dan id-dover ta' kuratur huwa t-tabib jew jiġi maħsub xi manjiera kif ikun hemm xi ħadd li jkun qed iħares dawn l-interessi. Jiena nissuġġerixxi li din għandha tkun parti mill-formazzjoni tat-tobba li se jkunu mdaħħla f'dawn l-affarijiet, għalkemm ma jinħolqux bla bżonn, ħalli jkunu wkoll ittrejnjati biex iħarsu għal dawn l-interessi, inklużi suġġetti għal dawn id-drittijiet.

**ONOR. JOSEPH CASSAR:** Inti għedt li waħda mir-raġunijiet għalfejn għandha ssir leġislazzjoni hija li l-gvern ikollu obbligu morali li dan is-servizz kważi jipprovdih fl-isptarijiet tiegħu. Hemmhekk jien m'iniex ċert għalfejn vera għandu obbligu li jipprovdi servizz fl-isptarijiet tiegħu …. (Interruzzjonijiet)

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Le, mhux proprju għandu l-obbligu li jipprovdih fl-isptarijiet tiegħu. Imma għandu l-obbligu li ma jipprojbihx fl-isptarijiet tiegħu meta qiegħed jippermettih fl-isptarijiet privati. Li mhux f'postu huwa li l-gvern jipprojbixxi. Għaliex is-sitwazzjoni tagħna hija li l-isptar kien diġa` pprovda biex dak isir. Fil-preżent l-isptar qed iwassal il-proċess sal-mument ta' l-implantazzjoni. Jiġifieri l-biċċa l-kbira ta' l-ispiża qiegħed diġa' jagħmilha. Jiġifieri r-raġuni għaliex qed jipprojbiha m'hijiex raġuni għax il-gvern ma jistax jaffordja, imma għax qed iqis li hija immorali. X'mhuwiex ġust hu li jipprojbiha għaliex iqisha immorali fl-isptarijiet tiegħu imma jħalliha ssir, għalkemm iqisha immorali, fl-isptarijiet privati. Din hija inġustizzja.

**ONOR. JOSEPH CASSAR:** Imma għalfejn qed tħoss li l-gvern iħoss li hija immorali?

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Għax kif qed ngħid il-proċess kollu bl-ispiża kollha li jinvolvi qed isir fl-isptar b'xejn, biss sal-mument ta' l-implantazzjoni. Imbagħad dak ma jsirx l-isptar tal-gvern. Dak isir fl-isptar privat fejn trid tħallas. Mhux qed ngħid li l-gvern għandu dmir li jipprovdih. Fil-fatt naħseb li għandu dmir li jipprovdih ukoll, imma dik hija ħaġa li jrid jikkalkolaha meta qed jiddeċiedi x'se jipprovdi jew x'ma jipprovdix, għax hemmhekk jagħmlu ċerti deċiżjonijiet li jien, per eżempju, uħud minnhom ma naqbel magħhom xejn. Per

eżempju, jgħidu li għax xi ħadd huwa anzjan ta' ċerta eta' ma jagħtux ċerti mediċini li jiswew ħafna flus. Assolutament ma naqbilx magħha jiena dik. Għalija dik hija xi ħaġa kontra d-drittijiet ta' l-anzjani u qed tagħmel diskriminazzjoni. U naħseb li jekk xi ħadd anzjan jikklejmja li jrid dak it-trattament u jikkontestaha bil-qorti u jeħodha fi Strasbourg, il-qorti ta' Strasbourg tobbliga li l-gvern jipprovdih għaliex hija diskriminazzjoni abbażi ta' l-eta', li żgur hija xi ħaġa kontra l-*human rights*. Pero` m'huwiex dan il-punt li kont qed inqanqal hawnhekk għax naħseb li m'huwiex fl-ambitu ta' din il-liġi li tittrata dan il-każ ta' l-inġustizzja. Dan kont qed ngħidu għaliex naħseb li għandu jkun hemm leġislazzjoni biex titneħħa l-projbizzjoni u mhux biex jiġi provdut is-servizz. Imbagħad jekk jiġix provdut is-servizz jiġi deċiż bil-kriterji normali li jiddeċiedi l-gvern jekk jipprovdix is-servizz. Imma f'dan il-każ jidher ċar li l-gvern kien dispost - u meta qed ngħid il-gvern jiġifieri d-dipartiment - li jipprovdi dan is-servizz tant li għamel l-ispiża biex joħloq il-laboratorji meħtieġa. Diġa` saru dawk l-ispejjeż u għadu qed jagħmel l-ispejjeż kollha biex iwassal sal-mument ta' l-impjant, u mbagħad dak ma jsirx. Naħseb li huwa ovvju li r-raġuni għaliex mhux qed jagħmilha hija għax jaħseb li hemm oġġezzjoni morali.

**THE CHAIRMAN:** Aktar domandi? L-Onor. Azzopardi.

**ONOR. FREDERICK AZZOPARDI:** Nirringrazzja lill-Prof. Serracino Inglott għad-diskors interessanti li għamlilna. Li forsi għadu mhux ċar għalija huwa dan. Meta tkellimt fuq id-*Donum Vitae* inti għedt li dak li jista' jkun dnub għall-kottoliku fl-istess ħin mhux bilfors huwa delitt għall-istat. Ma taħsibx li dan hu *conflicting* għalina bħala kottoliċi meta niġu biex nilleġislaw? Kif se niddistingwu bejn ħaġa u oħra?

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Veru, toħloq konfużjoni fl-imħuħ tan-nies. Pero` dan huwa wkoll argument li kelli kemm-il darba għax ħafna drabi lili qaluli li meta ngħid ċerti affarijiet, bħalma għedt fuq id-divorzju, nikkonfondi l-imħuħ. Trid tieħdu dak ir-riskju. Naturalment trid tieħu bl-ikbar prekawzjonijiet. Għalhekk jien fl-aħħar bdejt ninsisti li hemm xogħol kbir ta' edukazzjoni, ta' żvilupp tal-mentalita` li hu fl-obbligu tal-gvern li jagħmlu. Jien naħseb li hu importantissimu f'dan il-mument l-iżvilupp kulturali ta' pajjiżna li hu anke żvilupp reliġjuż. Għandhom ikunu jafu x'jgħid San Tumas fuq dan is-suġġett. Huwa importanti li d-*Donum Vitae* tiġi għall-attenzjoni tan-nies. Jien, per eżempju, jiddispjaċini ħafna li l-isqfijiet għamlu stqarrija li fiha irriproduċew korrettament x'tgħid id-*Donum Vitae* ħlief li ħallew barra din is-sezzjoni. Naħseb li huwa importanti ħafna li dawn l-affarijiet jiġu spjegati. Għandu jsir tentattiv serju ta' edukazzjoni għax altrimenti, naqbel miegħek perfettament, ikun hemm konfużjoni fl-imħuħ tan-nies, u dik hi verament li ma nixtieqx li ssir. Dawn l-affarijiet kollha bilfors joħolqu perplessita` kbira fil-kuxjenza tan-nies. F'dan il-każ jistgħu joħolqu anke preġudizzju kontra l-gvern, l-iktar għaliex hawn diffużjoni mhux biss ta' relattiviżmu, imma min-naħa l-oħra ta' ċerta fundamentaliżmu. Għalhekk għedt li hu importanti li wieħed ma jkunx kattoliku iktar mill-Papa. Dak huwa żball anke mill-*punto di vista* reliġjuż. Jiġifieri jien dejjem ħassejt l-obbligu li nipprova nistabilixxi l-verita`, għalkemm naf li ħafna drabi l-verita` tiskandalizza.

**THE CHAIRMAN**: L-Onor. Galea.

**ONOR. FRANCO GALEA:** Inkun korrett jekk ngħid li m'għandniex *a clear definition* jekk *the murdered*, biex niftiehemu, tkunx dik il-persuna li ħarġet minn ġol-ġuf minflok qabel ma daħlet ġol-ġuf fil-każ ta' l-*embryos*? (Interruzzjonijiet) L-argument tiegħi huwa li f'dan il-każ irridu nagħmlu *definition* ta' *murder*, fis-sens jekk aħna qegħdin ngħidu li l-*embryos* qabel ma jiġu ġol-ġuf nistgħu niffriżawhom, imbagħad *we can destroy them* allura qegħdin ngħidu ….. (Interruzzjonijiet)

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Le, jien m'għedtx hekk. *You can't destroy them.* Nistgħu nħalluhom …. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. FRANCO GALEA:** Le. Mhux inti għedt hekk, pero' dan intqal f'laqgħat oħra li kellna. Voldieri *it can happen.*

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Hekk hu. Imma hemm distinzjoni importantissima bejn *that which you can foresee and that which tend to happen.*

**ONOR. FRANCO GALEA:** Imma jidhirli li ċerti pajjiżi jżommuhom għal sentejn. Pero` mhux dak l-argument tiegħi.

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT**: Jiena kontra dak.

**ONOR. FRANCO GALEA**: L-argument tiegħi huwa li aħna rridu naħsbu wkoll għad-*definition* ta' x'inhu *murder.* Għaliex? Għax if *you dispose of an embryo,* voldieri jkun barra l-każ jista' jiġi *reversed,* li japplika għal tarbija qabel ma daħlet ġol-ġisem ma japplikax għal dik it-tarbija li tkun ħarġet minn ġol-ġisem.

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Le, għax jien qatt ma jien favur li għandu jiġu ttollerat li *embryo* jiġi deliberatament u direttament distrutt. Qatt.

**ONOR. FRANCO GALEA:** Eżattament. Għalhekk ġej jien għax min-naħa tax-xjenjzati, biex ngħidu hekk - *it is not mentioned but it could possibly be done* - jekk ikun hemm għaxar *embryos* u erba' jiġu *discarded for one reason or other….* L-argument tiegħi huwa li *test-tube babies are babies.* Issa jekk aħna se nżommu dak il-konċett fejn m'hemmx penali f'dak l-istadju, wara li titwieled tarbija jekk bniedem jarmiha jew *whatever* allura dak ikun *murder.* Aħna m'għandniex *definition* ta' x'inhu *the murdered case. I'm just turning around the situation.*

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Pero` dan mhux meħtieġ għall-kwesjtoni tagħna għax għalkemm jista' jkun hemm kontroversja meta l-*embryo* huwa verament persuna…. (Interruzzjonijiet) Hemm min isostni li hemm ċans li tkun persuna wara 24 siegħa u hemm min isostni li wara 14-il ġimgħa jew xi ħaġa hekk meta hemm *twins* għaliex jgħidu li sakemm għad hemm il-possibbilta' li huma *twins* ma tistax tgħid li din hija persuna għaliex m'hijiex se tiġi persuna waħda. U hemm min jgħid, bħal San Tumas, li huwa biss meta jiġi fformat il-moħħ bażikament għaliex hemmhekk għandek persuna umana. Qabel għandek ħaġa ħajja, materjali u ħajja umana. Allura xorta li tiddistruġġiha huwa nuqqas gravissimu, għaliex m'għandekx tiddistruġġi ħajja umana, pero' għad m'għandekx persuna. Jiġifieri għall-kwalifika ta' *murder* hemm dawn id-diskussjonijiet. Pero' għall-kwestjoni tagħna m'hemmx għalfejn nirrisolvuhom għaliex l-istess prinċipju huwa applikabbli għaż-żewġ każi.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Cassar.

**ONOR. JOSEPH CASSAR:** Nixtieq nagħmel domanda oħra biex niċċara eżatt il-biċċa xogħol ta' min se jkollu dritt u mhux dritt. Konna qed nitkellmu fuq il-miżżewġin jew nies li qegħdin jgħixu flimkien, u anke ssemmew nies oħra. Jekk fhimtek tajjeb inti tlaqt mill-punt tad-dritt tat-tarbija. Huwa dritt tat-tarbija li jekk se titwieled għandha titwieled f'sistema stabbli, *defining* li aħna qed ngħidu li tnejn min-nies li se jikkommettu ruħhom għall-ħajja taż-żwieġ se tkun ħajja stabbli. Mhux bilfors għax jista' jkun hemm instabbilita` anke hemmhekk. Pero` allura…. (Interruzjonijiet)

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Iktar milli l-instabbilita' għalija hija l-awtokonoxxenza ta' l-identita`. Jien naħseb li l-iktar dritt kważi fundamentali tal-bniedem għaliex huwa kważi identiku li jkollok ħajja umana, jiġifieri li jkollok ħajja personali, individwata, huwa l-prinċipju delfiku, *to*

*know thyself.* Għandu jkollok il-possibilta' *to know yourself.* U naħseb li dan huwa x'qed jiġi miċħud fil-każ ta' xi ħadd li huwa mwieled fl-impossibilta' li jkun jaf mingħand min ġie ġġenerat.

**ONOR. JOSEPH CASSAR:** Iva, pero' fuq l-istess suġġett jekk għandek tnejn min-nies li għal xi raġuni jew oħra ma jħossux li għandhom jiżżewġu u li ilhom għaxar snin flimkien stabbli, m'hemmx relazzjonijiet oħra u biħsiebhom jibqgħu hekk, it-tarbija se tiġi f'sitwazzjoni li se jkun hemm awto-konoxxenza. Flok dawn jieħdu ġurament quddiem l-istat jew quddiem il-knisja li se jiżżewġu, dawn jiddeċiedu bejniethom se jżommu dan l-istat flimkien. Għax imbagħad jekk inti tkun trid iġġebbidha allura tkun tista' titkellem ukoll fuq id-drittijiet ta' tnejn omosesswali, nisa jew irġiel, għax xorta jista' jkun hemm stabbilita`. Allura dan m'għandux dritt? Qed tifhem?

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Qed nifhem perfettament. Pero' jien qgħadt attent li niddistingwi żewġ motivazzjonijiet. Wieħed minnhom hu d-dritt li hu marbut mad-dritt tal-ħajja, pero' l-ieħor huwa t-tieni punt li hemm fid-*Donum Vitae* li huwa ż-żwieġ. Iż-żwieġ ikun l-uniku bażi għall-familja u li din hija neċessarja biex is-soċjeta' ma tisfaxxax. Jekk tibda tammetti li koppja li huma f'relazzjoni stabbli imma li ma jkunux miżżewġin għandhom dan id-dritt li jkollhom il-prokreazzjoni assistita bil-liġi u jnisslu wlied, f'dan il-każ il-problema m'hijiex li dan l-individwu mhux se jkollu l-awto-konoxxenza. U jekk aħna nkunu neħħejna kull diskriminazzjoni bejn tfal leġittimi u tfal illeġittimi lanqas m'hu se jkollu raġuni ta' *complaint on those grounds* kif fil-preżent kieku għandu għax jista' jgħid li welledtuli jien illeġitimament u allura mingħajr drittijiet ta' wirt u affarijiet hekk. Jiġifieri dak qed nassumi li se jitneħħa wkoll. Allura f'dak il-*ground* ma jeżistix għax ma tekwiparahx min hu stabbilment jgħix flimkien ma' min hu miżżewweġ.

Pero' hemm ukoll il-punt taż-żwieġ bħala l-unika bażi tal-familja u li din hija assolutament fundamentali għas-soċjeta' kif irriduha. Jiġifieri sakemm jibqa' li familja bbażata fuq iż-żwieġ hija *public policy,* jiġifieri prinċipju *overruling* il-prinċipji l-oħra kollha kif inhi fil-preżent il-leġislazzjoni Maltija, allura fl-opinjoni tiegħi m'għandekx tippermetti l-ekwiparazzjoni ta' mingħandu relazzjoni stabbli ta' żwieġ ma' min huwa miżżewweġ.

Issa forsi wieħed irid li jirrivedih dan il-prinċipju li huwa l-iktar prinċipju fundamentali li għandna fil-*public policy* tagħna bħala bażi tal-liġi tal-persuni. Imma mbagħad dik ħaġa oħra. Allura, fl-opinjoni tiegħi, tipproċedi b'dik il-manjiera, per eżempju, billi ddaħħal id-divorzju. Għalhekk jiena għamilt l-enfasi li naħseb li wieħed idaħħal id-divorzju jkun qiegħed inqas jattakka gravament il-prinċipju tal-*public policy* tal-liġi Maltija taż-żwieġ milli jekk idaħħal dan il-provvediment. Naħseb li dan il-provvediment idgħajjef dan il-prinċipju tal-*public policy* iktar bid-divorzju. Jiġifieri m'iniex qed ngħid li m'għandhiex issir reviżjoni. Nista' nara biċ-ċar ħafna li jkun hemm min isostni li wasal iż-żmien li nirriveduh dan il-prinċipju. Imma ma naħsibx li għandu jsir b'mod surretizju. Naħseb kieku tidħol hekk f'din il-liġi fil-fatt wieħed ikun qiegħed iġarraf il-*public policy* bil-moħbi mingħajr il-pubbliku jkun ittenda x'ġara. U dan imur kontra dak il-punt li fl-aħħar kont qed ninsisti fuqu, u cioe` li hawn bżonn hija kjarifika tal-modi kollha ta' kif jaħseb u ta' kif inhuma l-affarijiet. Naħseb li dan ikun pass mill-iktar diżedukattiv fl-edukazzjoni tal-valuri tan-nies.

**THE CHAIRMAN**: L-Onor. Farrugia.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Tqanqal l-argument ta' l-awto-konoxxenza ta' l-identita`, bażikament li tkun taf l-omm u l-missier eżattament min huma.

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Dik hija l-iktar ħaġa importanti.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Hekk hu. Imma kif tinkorporaha f'każ ta' stupru, fejn ikun sar att vjolenti kontra l-persuna tal-mara minn persuna li probabbli ma tafhiex u probabbli qatt ma ssir taf attwalment min hi, u l-pożizzjoni allura ta' l-*embryo* li għadu fil-ġuf f'perijodi differenti u mbagħad iktar 'il quddiem? Qed nitkellmu li għandek kwestjoni ta' awto-konoxxenza kemm fejn jidħlu każijiet ta' *donor fertilisation* jew inkella kull settur ieħor li ssemma. Imma għandek dan il-każ partikolari ta' stupru fejn allura naħseb huwa *the ultimate* fejn il-problema ta' l-awto-konoxxenza qiegħda fuq żewġ bażijiet. Għandek il-problema li l-missier ma tafx min hu u barra minn hekk hija tarbija li ma tkunx mixtieqha mill-omm stess. Allura f'dak il-każ, b'mod filosofu, kif wieħed iħares lejha?

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** L-ewwelnett m'huwiex korrett li tgħid li f'dak il-każ ma jkunx jaf min hu l-missier. Probabbilment ikun hemm *knowledge* min-naħa ta' l-omm min kien li stupraha. Naħseb li dik diġa' hija differenza kbira. Imma iktar milli għaliex l-omm tkun taf, dik il-persuna għandha konoxxenza li wieħed mill-ġenituri tagħha kien stupratur. Mill-*punto di vista* ta' awto-konoxxenza kważi jien inqis li dik hija suffiċjenti għal l-argument li kont qed ngħid qabel. Dik hija bħal li tkun taf li missierek kien kriminali. Hija ħaġa sfortunata u forsi hemm min jaħseb li aħjar ma tkunx tafha. Jiena ma naqbilx magħha. Naħseb li aħjar tkun taf. Bl-istess mod kif aħjar jien inkun naf li, per eżempju, missieri kellu arterja dejqa u jien twelidt bl-istess difett fiżiku. Naħseb li dik hija l-iktar ħaġa importanti li jien inkun naf.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Jiena naħseb li hemm differenza bejn li naf li missieri huwa stupratur u li naf li missieri huwa Michael Farrugia li huwa stupratur.

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Hemm differenza, mux qed ngħid li m'hemmx differenza. Imma ma naħsibx li hija differenza fundamentali għal dak li kont qed ngħid. Pero` iktar minn hekk id-differenza kbira bejn iż-żewġ każijiet hija li f'dan il-każ ta' l-istupru hija xi ħaġa li ġrat mingħajr ma l-gvern riedha. Anzi qegħdin nassumu li l-gvern tal-pajjiż għamel il-leġislazzjoni kollha li tipprojbixxi l-istupru, għandu servizz tal-pulizija u għandu l-affarijiet kollha meħtieġa biex l-istupru ma jsirx. Allura l-istupru sar, imma din hija bħalma jsiru ħafna delitti. Xi ħadd jista' joqtol lill-missieri li toħloqli problema kbira. Dik hija ferm differenti milli l-gvern jieħu passi pożittivi biex jgħin li tinħoloq din is-sitwazzjoni. Din hija d-differenza kbira bejn il-każ li semmejt inti.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Ħalli nġib eżempju daqsxejn iktar antipatiku. Missieri kien stupratur u missieri kien donatur. Kif tista' tħares lejha allura d-differenza bejn li missieri kien stupratur u missieri kien donatur u *at the same time* ma nafx il-persuna min kienet?

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Kieku l-uniku *knowledge* li naf huwa li missieri kien stupratur mhux *knowledge* qawwi ħafna. Pero' huwa xorta *knowledge* ta' tip differenti. Il-punt huwa li jien qed nassumi li l-istupratur inkun naf ħafna iktar milli sempliċement dak il-fatt. Pero' għalija m'huwiex dan li joħloq id-differenza verament kwalitattiva bejn iż-żewġ każijiet. X'joħloq id-differenza kwalitattiva huwa li l-ewwel waħda ġrat minkejja l-isforzi doverużi kollha tal-gvern li jilleġisla u jistabbilixxi l-pulizija biex dik il-ħaġa ma tiġrix, u allura l-gvern kien qiegħed jipprova jipproteġi lill-kreatura li se tinħoloq milli ssib ruħha f'din is-sitwazzjoni. Sfortunament ma rnexxilux. Waqt li l-każ l-ieħor, tad-donatur, mhux talli l-gvern ma kienx qiegħed jipprova jimpedixxi li dik il-ħaġa ssir talli kien qed jassisti biex issir. Dik hija x'toħloq id-differenza kbira dwar jekk il-gvern għandux jagħmilha jew le,

għaliex waqt li l-gvern irid jaċċetta meta l-każijiet ġraw, jekk jiġru dawn it-tipi ta' stupru jista` jiddeċiedi li jkun hemm bżonn ipoġġi iktar pulizija f'dak il-post mudlam fil-foresta, eċċ.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Imma l-mara ma jinteressahiex jekk il-gvern ipoġġix pulizija iktar. Il-mara jinteressaha li fil-fatt kienet stuprata kontra l-volonta' tagħha.

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Pero` hawnhekk qed niddiskutu x'għandu jagħmel il-gvern? Għall-ewwel każ li jrid jagħmel huwa li jipprovdi kemm jista' jkun protezzjoni kontra li dak isir. Fit-tieni każ l-inqas ħaġa li jista' jagħmel huwa li ma jipprovdix il-mezzi biex issir.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Bl-istess argument tista' allura tagħmel persuna protettiva ma' kull mara li teżisti, sakemm ma jkunx stupraha l-istess persuna li jkun qed jipproteġiha. (Interruzzjonijiet) *It is no solution.*

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Imma dak m'huwiex mument validu għax il-gvern jista' jasal sa ċertu punt. Imbagħad meta jibda jaqleb minn reġim ta' liberta' għal reġim totalitarju, hemmhekk irid jieqaf ma jridx jipprovdi iżjed miżuri. Jiena pero' nikkonċedilek li għalija dak il-każ li semmejt int, ta' stupru, huwa l-iktar każ fejn wieħed jista` jargumenta favur li jikkonsidra li f'dak il-każ għandu jippermetti l-abort. Jiena ma naqbilx miegħu, pero' dan irid diskussjoni ħafna iktar profondita milli nistgħu nagħmlu hawnhekk għaliex dan m'huwiex x'qegħdin niddiskutu. Pero' fl-opinjoni tiegħi hemm *grounds* qawwija biex tassimilah….. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Imbagħad ikun hemm il-periklu kif dan jista' jiġi abbużat.

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Imma kif taf int hawn periklu ta' abbuż fi kwalunkwe ħaġa u wieħed ma jridx iħalli l-periklu ta' l-abbuż ….. (Interrruzzjonijiet)

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Għaliex imbagħad kulħadd jabbuża f'kollox. Allura ma tagħmel xejn.

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Hekk hu.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Azzopardi.

**ONOR. FREDERICK AZZOPARDI:** Meta tkun involuta t-terza persuna, jiġifieri ma jkunx il-missier matrimonjali, jekk fil-każ ikun hemm provvediment fil-liġi li tiġi identifikata l-persuna qed nifhem li tista' tkun aċċettata fiċ-ċirkostanza?

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Naħseb li dak jilqa' kontra l-ewwel argument li għamilt jien, jiġifieri li qed iċċaħħad lill-persuna mill-awto-konoxxenza. Pero` tibqa` l-problema ta' jekk dak hux qed idgħajjef l-istituzzjoni taż-żwieġ b'manjiera li jiddistruġġi l-*public policy* ta' Malta. Allura qed ngħid li dak għandu jsir biss jekk wieħed irid deliberatament almenu jxellef dak il-prinċipju. Allura dan jiġi dikjarat bl-iktar mod ċar u spjegat lill-poplu x'qed isir.

**THE CHAIRMAN:** Inti għedt li hawn bżonn ta' aktar edukazzjoni u anqas leġislazzjoni. Bażikament dak huwa l-punt li proprju qegħdin niddiskutu, jekk hemmx bżonn leġislazzjoni u jekk iva x'tip. Allura xtaqt nistaqsik jekk inti hux qed tifhem li jista` jkun hemm speċi ta' kumitat kif hemm illum, bejn wieħed u ieħor, imma jkollu aktar poteri, biex ngħidu hekk, li jiddeċiedi. F'dak is-sens qed titkellem?

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT**: Jien ippruvajt ngħid li hemm bżonn ta' liġi bażika ħafna u tkun *enabling.* Ċertament jiena xettiku ħafna dwar li jkun hemm persuna waħda, imma nibża` ħafna wkoll milli jkun

hemm tliet persuni li se jiddeċiedu dik l-applikazzjoni. Għaliex? Għax jekk jinżerta jkollok tliet persuni jew b'mentalita` utilitarja jew b'mentalita` fundamentalista dawn se jagħmlulek ħerba. Allura jien nippreferi li jkun hemm grupp żgħir ta' esperti li jkollhom iktar l-funzjoni ta' *monitoring*, speċi spettorat ta' x'qiegħed isir. Pero` nħalli l-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali lin-nies attwalment involuti. (Interruzzjonijiet) F'dan il-każ l-*obstetricians*. Pero' x'jagħmlu huma jinżamm taħt osservazzjoni stretta. Dan l-kumitat ta' viġilanza ma naħsibx li għandu jkun kumitat etiku ġenerali għax fil-prezent min irid jagħmel biċċa *research* irid jgħaddi għal dan il-kumitat u tant hemm *issues* quddiem dan il-kumitat li ħafna qegħdin jiġu miżmuma tmien xhur u disa' xhur u f'dan il-każ ma jistax ikun li jkun hemm dan id-dewmien. Jiġifieri ma naħsibx li dan għandu jkun il-kumitat etiku ġenerali imma għandu jkun hemm grupp anke ta' nies b'kompetenzi speċifiċi li jistgħu jaraw x'inhuma jagħmlu fil-prassi.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** F'ħafna każijiet urġenti fil-fatt hekk isiru. Ġieli jinqalgħu kwestjoni etiċi li jkunu urġentissimi fejn trid tittieħed deċiżjoni fi ftit sigħat jew fi ftit jiem u ma tistax toqgħod tibbaża fuq kumitat.... (Interruzzjonijiet)

**THE CHAIRMAN**: Imma min ikunu dawn in-nies?

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA**: Bażikament ikunu nies li jkunu etiċi li wieħed jista' jafda fuqhom. Ħafna drabi meta kien hemm kwestjonijiet morali etiċi tqabbdu qassisin biex jagħtu pariri attwalment f'qasir żmien.

**THE CHAIRMAN :** Imma min jagħtihom din l-awtorita' lil dawn in-nies?

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Ovvjament il-gvern għax ħafna drabi tkun deċiżjoni taħraq.

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Tajjeb li jkollhom din il-funzjoni ta' konsulenza. Imma iktar importanti mill-konsulenza jien lest li nħalli d-deċiżjoni jeħduha n-nies prattiċi. Pero' jekk josservaw li qed isiru abbużi, ngħidu aħna li dawn qegħdin jiskappjaw numru ta' *embryos* allura dak jirrapportawh lill-gvern. Il-gvern jista' jieħu passi amministrattiv biex iwaqqfu. U jekk l-abbuż ikun iktar serju jistgħu jeħduhom il-qorti għax hemm il-liġi. Jekk ikunu manifestament jinvjolaw il-prinċipji ġenerali li hemm fil-liġi, dik tkun punibbli bil-qorti. Ma naħsibx li għandna nmorru mill-ewwel f'dak il-post. Naħseb min qed jirrapporta għandu jirraporta lill-gvern, il-gvern għandu jwaqqafha b'miżuri amministrattiv, b'miżuri eżekuttivi, pero' jekk xi ħadd jisfida jista' anke jittieħed il-qorti.

**THE CHAIRMAN:** Imma biex tagħmel hekk il-liġi trid tkun naqra iktar dettaljata milli kont qed nifhem allura.

**PROF. PETER SERRACINO INGLOTT:** Ma naħsibx li għandha tkun iktar dettaljata għax biex ħaġa tkun kundanabbli mill-qorti għandha tkun vjolazzjoni ċara tal-prinċipju. Dak kien it-tielet prinċipju tiegħi. Fejn hemm dubju l-individwu għandu jimxi bil-prudenza, imma l-gvern m'għandux jipprojbixxi.

**THE CHAIRMAN:** Hawn xi domandi oħra? Jidher li m'hawnx, u għalhekk għal-lum nistgħu niefqu hawnhekk. Nirringrazzja lill-Prof. Serracino Inglott tal-preżentazzjoni li tana u niskuża ruħi ma' Dr Pierre Mallia għax peress li sar il-ħin m'għandniex ċans nisimgħu l-preżentazzjoni tiegħu. Pero` nista` nassigurah li se jkollu ċans jagħmilha l-ġimgħa d-dieħla.

*Fit-8.20 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2005 b'din l-aġenda:-*

> Il-Bioteknoloġija f'Malta u d-Drittijiet tal-Bniedem (Kontinwazzjoni) – Preżentazzjoni minn Dr Pierre Mallia.